

L-Erbatax-il Ħadd tas-Sena

# Aħbar Tajba

Is 66, 10-14ċ
Salm 65 (66), 1-3a.4-5.6-7a.16 u 20
Gal 6, 14-18
Lq 10, 1-12.17-20

"Il-ħsad huwa kbir, imma l-ħaddiema ftit! Itolbu mela lil Sid il-ħsad **biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu!"**

Ftit taż-żmien ilu kont qiegħed vaganza fil-belt sabiħa ta' Ruma, belt li żgur fiha xi ħaġa għal kulħadd – bini b'arkitettura mill-isbaħ, xogħol tal-arti mill-aqwa artisti li qatt rat id-dinja u fost l-itjeb ikel li tista' ssib. Imma fil-lukanda magħna kien hemm familja oħra Maltija. Il-missier u l-omm ħadu lil uliedhom fl-aktar postijiet popolari tal-belt imma uliedhom kienu b'rashom mgħaddsa fit-*tablet* jew l-i*smartphone* u hekk baqgħu sa tmiem is-safra. Quddiem il-Kolossew kienu qed jilagħbu logħba, fil-Mużew tal-Vatikan, kienu bil-*headphones* jaraw xi *videos* fuq You Tube u saħansitra waqt l-ikel kienu l-ħin kollu mitlufin f'dinja oħra. Darba minnhom kien hemm xi ħadd li kkummenta li anqas ħaqq li marru Ruma, għax setgħu baqgħu d-dar u kienu jaraw l-istess affarijiet! Kienu f'belt bi storja twila u b'tant affarijiet x'tara u huma baqgħu jgħixu fid-dinja tas-soltu tagħhom, jiġru minn *app* għall-oħra.

Fil-Vanġelu tal-lum Ġesù jista' jkun li jħawwadna ftit. Qed jibgħat tnejn u sebgħin persuna biex jgħallmu fi bliet oħra, u jgħidilhom biex ma jieħdu xejn magħhom. Anqas baskett u xi affarijiet żgħar. Xejn! X'irid jgħid biha din Ġesù? Mela hawn xi ħadd li jmur x'imkien b'idu f'idu? Għalkemm dak li qed jitlob jinstema' stramb, Ġesù għandu ħsieb importanti f'moħħu li jgħodd ħafna għalina llum. Mhux għax l-affarijiet li nġorru magħna huma ħżiena imma kultant insibuha faċli wisq li nintilfu fihom. Nehdew wisq fl-affarijiet iż-żgħar. Kultant anqas nindunaw kemm jeħdulna ħin dawn l-affarijiet. Sigħat jgħaddu qishom żiffa meta jkollna xi *smartphone* jew *tablet* f'idejna. Issa fi żmien Ġesù ma kellhomx farka tal-affarijiet li għandna aħna. Għalhekk irridu noqogħdu ferm aktar attenti. Mhux għax dawn il-ħwejjeġ huma ħżiena imma għax kollox għandu jkollu ħinu. Ġesù qed jgħid lid-dixxipli: "Intom se tmorru tagħmlu x-xogħol tal-Missier tas-Sema, mela isimgħu lilu. Toqogħdux iġġorru ħafna bagalji magħkom, jipprovdi hu dak li jkollkom bżonn. Ġesù jrid li d-dixxipli jintelqu f'idejn Alla, jafdaw fih li se jurihom fejn se jmorru u se jagħtihom dak li jkollhom bżonn. Hekk, ikunu jistgħu jwasslu l-Kelma ta' Alla ferm aħjar, għax issa kienu esperjenzaw lil Alla nnifsu. Ejjew aħna wkoll infittxu li f'ħajjitna ma nħallux l-affarijiet li nġorru jikkmandawna għax malajr nindunaw li qed nitilfu ħafna aktar minn dak li *screen* żgħir jista' joffri.

Il-ferħ f’qalbna

# Taraw u tifraħ qalbkom!



Fl-ewwel qari minn Isaija Alla jgħidilna li għandna ħafna għaliex nifirħu. Ifakkarna li hu qiegħed magħna biex jgħinna fil-mumenti iebsa biex imbagħad inkunu nistgħu niċċelebraw ir-rebħa tagħna fuqhom. Fil-qalb ta’ hawn taħt ikteb kif taħseb li Alla jkun miegħek biex jgħinek tkun tassew ferħan.



“Il-ħsad huwa kbir, imma l-ħaddiema ftit!
**Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu!”**

## Talba ta' San Ġużepp ta' Kopertino

San Ġużepp ta' Kopertino ma kienx l-aktar persuna brillanti u anqas ma kien xi ħadd li għamel wisq affarijiet speċjali. Kien qaddis mill-aktar sempliċi imma li f'ħajtu fittex li jagħmel ir-rieda ta' Alla. Intelaq f'idejn Alla u ħallieh imexxih f'ħajtu. Tgħidx kemm għadda minn esperjenzi iebsa imma bil-għajnuna ta' Alla rebaħhom u llum ħafna jitolbuh jidħol għalihom quddiem Alla.

### TALBA LIL SAN ĠUŻEPP TA' KOPERTINO

Alla tiegħi,
irroddlok ħajr
ta' dak kollu li tajtni.
Agħmel li kulma tajtni
ninqeda bih
għall-glorja tiegħek,
għall-qdusija tiegħi,
u għall-ġid tal-oħrajn.

Agħtini l-ferħ ġo qalbi,
bierek lill-familja tiegħi,
ħarisni fl-istudji tiegħi,
dawwalli moħħi biex nifhem,
u għin ukoll lil sħabi.

Bil-merti u l-interċessjoni
ta' San Ġużepp ta' Kopertino,
li bata biex jistudja u għadda
mit-tiġrib qalil tal-eżamijiet,
li iżda fl-aħħar ħareġ rebbieħ
bil-għajnuna tal-Madonna,
mexxili moħħi,
agħtini rieda soda,
għinni nkun ġeneruż fl-impenn
tiegħi, biex nagħmel dmiri
u nasal fejn tixtieq.

Hawnhekk jingħadu għal tliet darbiet it-talb tal-Missierna, s-Sliem għalik u l-Glorja.






Promozzjoni

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**